# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 28 ta' Gunju 2002**

**Numru**

**Citaz. numru: 1601/99M1 NA**

**Sonya Stivala**

**vs**

**Christopher Stivala**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fis-6 ta' Lulju 1999 fejn ippremettiet:

"Illi l-kontendenti zzewgu fid-29 ta' Gunju 1993 (Dokument "A"), u minn dana z-zwieg twieldu uliedhom il-minorenni Bradley ta' hames snin u Kylie ta' sena;

Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-kontendenti saret impossibbli minhabba htijiet imputabbli esklussivament lill-konvenut li rrenda ruhu hati ta' tghajjir, theddid, sevizzi w ingurji gravi fil-konfront ta' l-attrici;

Illi l-partijiet illum diga' jinsabu separati *de facto* minn ma' xulxin u l-konvenut qieghed jikkoabita ma' mara ohra;

Illi l-attrici tixtieq tottjeni s-separazzjoni personali minn mal-konvenut zewgha u hekk ikun hemm ukoll ix-xoljiment u d-divizjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti;

Illi l-attrici tixtieq li tinghata l-kura w il-kustodja ta' uliedha l-minorenni;

Illi l-attrici ma tahdimx u ghalhekk jehtieg li zewgha jhallasha manteniment adegwat, u dana kemm ghaliha kif ukoll ghaz-zewg uliedha l-minorenni;

Illi l-attrici giet debitament awtorizzata tistitwixxi dawna l-proceduri permezz ta' digriet tas-Sekond'Awla Civili li ghandu n-numru 312/99 datat 16 ta' Marzu 1999 (Dokument "B");

TALBET li din il-Qorti:

1. tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba htijiet imputabbli esklussivament lill-konvenut li rrenda ruhu hati ta' tghajjir, theddid, sevizzi w ingurji gravi fil-konfront ta' l-attrici;

2. tafda lilha l-kura w il-kustodja ta' uliedhom il-minorenni Bradley ta' hames snin u Kylie ta' sena;

3. tordna lill-konvenut ihallas retta alimentarja xierqa kemm ghall-attrici kif ukoll ghaz-zewg uliedha l-minorenni;

4. tordna xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti;

5. tordna l-likwidazzjoni w id-divizjoni ta' l-istess komunjoni ta' l-akkwisti, u dana mhux necessarjament fi kwoti ugwali bejn il-partijiet;

6. tiddikjara illi l-konvenut iddekada mid-drittijiet konjugali kollha kontemplati fil-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjes, kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha, il-lista tax-xhieda w id-dokumenti minnha esebiti.

Il-konvenut, debitament notifikat fl-1 ta' Frar 2000, ma ghamilx l-eccezzjonijiet tieghu skond il-ligi u ghalhekk waqa' kontumaci. Dan nonostante, f'kawza ta' din in-natura fejn hemm il-htiega li jingabru l-provi, l-Qorti nnominat lill-Assistenta Gudizzjarja Dottoressa Greta Agius biex tigbor il-provi. Nonostante din in-nomina l-attrici pprezentat il-provi kollha taghha permezz ta' affidavits taghha stess u ta' Ruth Barbara, Helen Mallia u Rose Sghendo u dana b'nota tat-3 ta' Awissu 2000. Fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 2000 l-attrici, tramite d-difensur taghha, ddikjarat li ma kellhiex aktar provi u fis-seduta tal-20 ta' April 2001 il-kawza giet differita ghas-sentenza, liema sentenza sejra tinghata llum.

Ikkunsidrat:-

Illi l-provi mressqa mill-attrici tramite d-diversi xhieda minnha prodotti huma konsistenti pero' huma pjuttost skarsi biex il-Qorti tghaddi biex takkolja t-talbiet kollha taghha.

Jirrizulta illi ftit zmien wara z-zwieg il-konjugi emigraw lejn il-Kanada peress illi l-konvenut kellu nazzjonalita' Kanadiza. Huwa beda jghix hajja ta' guvni w ittraskura ghal kollox lill-martu u lill-minuri li kien twieled minn dan iz-zwieg.  Wara xi sena rritornaw Malta pero' l-konvenut baqa' jghix l-istess tip ta' hajja, minkejja il twieled tifel iehor u eventwalment abbanduna d-dar konjugali biex mar ighix ma' mara ohra u, skond ix-xhieda moghtija, probabbilment rega' emigra lejn il-Kanada. Il-konvenut kwazi qatt ma hadem waqt il-hajja mizzewga u ma ngabet ebda prova dwar xi impieg li jista' prezentement ikollu jew dwar l-introjtu tieghu.  Anqas ma ngabu ebda provi dwar il-konsistenza tal-Komunjoni ta' l-Akkwisti.  Finalment mill-provi mressqa jirrizulta illi l-konvenut ma tantx qat wera nteress fil-kura tat-tfal u anqas qatt ma wera xi nteress biex ikollu access regolari ghalihom.

Ikkunsidrat:-

Dawn il-konsiderazzjonijiet ta' fatt iwasslu lill-Qorti biex tiddeciedi, u dana apparti mill-kontumaci tieghu, li kien il-konvenut li kien unikament responsabbli ghat-tkissir ta' dan iz-zwieg peress illi jirrizulta, f'dak il-grad ta' prova rikjest mil-ligi anke f'kawza ta' din in-natura, li kien hati ta' adulterju, u ta' eccessi w ingurji gravi ohra fil-konfront ta' l-attrici u talli abbanduna d-dar konjugali. Dan iwassal, fil-kaz prezenti, biex isibu l-applikazzjoni taghhom l-Artikoli 38, 40, 41 u 48 tal-Kodici Civili.

Dawn il-konsiderazzjonijiet ta' dritt mehuda mal-fatti li gew ippruvati jwasslu lill-Qorti biex tiddeciedi din il-kawza billi:

1. tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan minhabba htijiet imputabbli esklussivament lill-konvenut li rrenda ruhu hati ta' tghajjir, theddid, sevizzi w ingurji gravi fil-konfront ta' l-attrici;

2. tilqa' wkoll it-tieni talba u tafda lill-attrici l-kura u kustodja ta' l-ulied minuri Bradley u Kylie, b'rizerva li tipprovdi dwar l-access ghall-konvenut f'kaz illi jkollha talba futura f'dan is-sens;

3. tastieni f'dan l-istadju milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba peress illi ma ngabet ebda prova dwar xi impieg jew introjtu li jista' jkollu l-konvenut;

4. tilqa' r-raba' talba u tordna xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti;

5. tastieni wkoll f'dan l-istadju milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba peress illi ma ngabet ebda prova dwar l-entita' tal-komunjoni ta' l-akkwisti;

6. tilqa' s-sitt talba u tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-drittijiet konjugali kollha kontemplati fil-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jithallsu mill-konvenut.

Deputat Registratur

rf.